KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

Minuti tal-Laqgħa Nru 8 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 21ta' Ġunju 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija .
Il-Kunsilliera kienu prezenti kif jidher hawn taht.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Vici-Sindku) | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 8.47p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 7.30p.m. | .10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.10p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier James Cassar | 8.10p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 10.10p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30p.m. | 10.10p.m. |

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30p.m.

**1.0 Approvazjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru.7 li saret il-Ġimgħa, 8ta' Ġunju.**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:

1.01 Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua tnizzlet **"Skuzata"** u mhux **"Assenti"**.
1.02 Fl-ewwel sentenza ta' l-aħħar paragrafu f'item 1.01 inbidlu il kliem **"jekk kienx"** mal-kliem **"la kien"**.
1.03 F'paragrafu 5.03 inbidlet il-kelma **"konok"** mal-kelma ***"culverts"***
1.04 F'paragrafu 12.02 inbidlet il-kelma **"D1"** mal-kelma ***"The One"***

**2.00 Punti Mqajjma mill-Minuti**

**2.01** Dwar *item* 1.00 – Is-Sindku nfurmat li r-rapport tal-perit indipendenti, l-Perit David Pace, issa kien wasal u ppreżentat kopja tiegħu wara li qrat xi siltiet minnu. Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa x'*patching* kien qed isir fit-toroq L-Istringell u d-Dawr apparti l-mili tat-trinek u kemm kien ser jiswa dan x-xogħol. Is-Sindku qalet li kien qed jitneħħa l-inkonvenjent lir-residenti bi spiża ta' aktar min 5,000 Ewro. Hija qalet li ser tara li ma jsirx patching aktar milli kien hemm bżonn.

**2.02** Dwar *item* 5.04 - Sar qbil unanimu li dwar il-ħsara fit-taraġ tad-daħla tal-Każin Nicolo' Isouard, għandha ssir t-tiswija neċessarja u ġie approvat ukoll li l-Kunsill ma' jitlobx hlasijiet għal-permessi ta' attivitajiet tal-każini tal-lokal.

2.03 Dwar *item* 8.00 - Is-Sindku qalet li kienet saret laqgħa mas-Sur Pierre Vella ta' Transport Malta dwar d-diversi lmenti tar-residenti dwar is-servizz ta' l-Arriva. Hija spjegat d-diversi tibdiliet li kienu saru fid-diversi rotot tat-transport publiku fosthom fiż-żoni ta' Santa Margerita u ż-Żokrija. Ġew diskussi wkoll l-*bus-shelters* u diversi *bus-stops* li jew kienu nieqsa jew li kien hemm bżonn jinbidlilhom il-post fejn qegħdin.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Ġie approvat unanimament li l-*allowance* tal-Kunsilliera, s-Sindku u l-Viċi-Sindku li hija dovuta fit-30ta' Ġunju,2012, għandha titħallas sħiħa wara li xi astensjonijiet li kien hemm kienu ġustifikata minħabba mpenji ta' xogħol, u mard.

3.02 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li saret laqgħa oħra mas-Sur Michael Debono, l-*accountant* tal-Kunsill u dan ġie mitlub jippreżenta dokumenti u kontijiet tal-pożizjoni finanzjarja tal-Kunsill kif kienet fil-31ta' Marzu 2012 (meta spiċċa l-Ħames Kunsill) u 30ta' Mejju, 2012 (qabel beda l-Agent Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri sabiex issir Interim Audit).

**4.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 9 *items* ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista.

4.01 Dwar Ittra Nru 6 – Talba għal-*Keep Clear Parking Space - Mediterranean Bank.*- sar qbil li l-Kunsill jikteb lil-*Meditterranean Bank* fejn jilqagħhom fostna, jawgura kooperazjoni bejn iż-żewġ entitatijiet u

jinfurmahom li ma' hemx oġġezjoni għat-talba tagħhom bil-kundizjoni li din tiġi approvata min Transport Malta.

4.02 Dwar Ittra Nru 7 –*Car Free Day*- Il-Kunsilier Alex Muscat għandu jippreżenta proposta ta' attivitajiet għal-din il-ġurnata.

4.03 Dwar Ittra Nru 8 – Talba għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet barra – OZ Sofra Kebab- Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dwar dan suġġett għal-approvazjoni ta' TM u Lands Dept. Il-Kunsill jrid ukoll li din il-konċessjoni tkun immarkata fl-art. Il-Kunsillier Alex Muscat talab li r-residenti ta' Triq il-Parroċċa, Triq il-Kurat Schembri u Triq il-Lunzjata jingħataw permess li jitwaħħal fuq il-*wincscreen* tal-karozzi privati tagħhom sabiex ma jingħatawx ċitazjonijiet meta dawn jkollhom bżonn jipparkjaw sabiex jgħabbu jew iħottu fid-djar tagħhom.

4.04 Dwar Ittra Nru 9 – Kwestjonarju mir-Reġġjun Tramuntana- Dan għandu jiġi iċċirkulat lil-Kunsilliera kollha sabiex jibgħatu l-kummenti tagħhom.

**5.00 Traffic Management Sub-Committee – Progress Report.**

Il-Kunsillier James Cassar għamel preżentazjoni bil-*Power Point* fejn spjega x'kien qed jissuġġerixxi l-kumitat f'dan ir-rigward. Kopja tal-preżentazjoni tinsab annessa ma dawn il-minuti. Il-kumitat huwa ffurmat mill-Kunsilliera James Cassar u Keith Cassar, min Raymond Bonavia,u Stephen Farrugia.

Il-Kumitat studja bir-reqqa l-kwestjonarju li ccirkola l-Kunsill ta' qabel dan lir-residenti fuq it-Traffic management.

Fuq il-kwestjonarju, il Kumitat għamel Power Point fejn spjega dak li ħareġ mill-kwestjonarju.

Ġie stabilit li hemm problema ta' kongestjoni ta' traffiku fil-pjazza.

Is-Sotto-Kumitat issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel sforz biex : (1) jitneħħew il-coaches mill-pjazza u (2) tiġi mplimentata s-sistema ta' timed-parking. Dan biex tiġi mtaffija din il-problema.

Il-Kunsill jistenna l-minuti tas-sotto-kumitat biex jiġu mplimentati dawn iż-żewġ suġġerimenti mill-amministrazjoni tal-Kunsill.

**6.00 Affarijiet Oħra**.

6.01 Il-Viċi-Sindku Joe De Martino staqsa dwar xogħol ta' taħmil ta' ħamrija ħdejn il-Knisja ta' Sant Andrija. Il-Kunsillier Alex Muscat qal li l-għalqa li hemm bejn Triq id-Difiża Ċivili u Triq il-Qares kienet qed tiġi żviluppata għal-bini u jidher li Triq il-Qares kienet ser titwessa. *

6.01 Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua qalet li kien hemm ħajt (*boundary wall)* fi Triq il-Fortizza li kien perikoluż.

6.02 Il-Kunsillier Alex Muscat talab li l-Kunsill għandu jara li jiġi nfurzat l-obligu ta' ndafa publika f'diversi toroq u anke li jsiru *boundary walls* skont il-liġi tal-MEPA. Huwa semma: Triq il-Kbira kantuniera ma Triq il-Ħtajriet, Triq San Anton (faċċata tal-Bobby Take Away), Triq il-Kbira (faċċata tal- Każin Nicolo Isouard), u Triq Xorxa.
Huwa talab ukoll li tinkiteb ittra lil TM sabiex jingiref it-*tarmac* fid-dawra tat-Triq li mill-Mosta tagħi għal-Burmarrad ħdejn fejn hemm it-triq li tagħti għal-Bidnija. Din id-dawra hija perikoluża ħafna għaliex qed ikun hemm skidjar ta' vetturi.
Il-Kunsillier Muscat talab ukoll li jsir *patching* fi Triq il-Bdiewa fil-Bidnija. Huwa semma wkoll il-problema ta' boroż ta' skart domestiku li qed jinġabar fi Pjazza Rotunda u dan speċjalment nhar ta' Sibt u fil-festi meta qed jkun hemm diżastru. Is-Sindku nfurmat li kienet ser isir laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġu diskussi problemi relatati mal-ġbir ta' skart domestiku.
Dwar il-permessi għal bejħ fi żmien il-festa ta' Santa Maria, huwa ssuġġerixxa li ssir laqgħa mill-Kunsill għall-i*stakeholders* hollha. Ġie spejgat li l-laqgħa li saret għal-każini, għaqdiet tan-nar, pulizija u rappreżentati tal-Kunsill, kienet organizzata mill-Parroċċa (l-Arċipriet) u mhux mill-Kunsill.
Il-Kunsillier Muscat talab ukoll li jiġu rinfreskati sinjali tat-toroq fi triq San Anton Abbati u quddiem garaxxijiet fi Triq il-Ħtajriet. Huwa talab ukoll li ssir *road-hump* quddiem iċ-ċentru tad-dutrina fi Triq il-merill.
Il-Kunsillier Muscat talab u ġie approvat li l-Kunsill jagħmel messaġġi bi ħlas fuq *magazines* u anwali li joħorġu diversi Każini u Għaqdiet tal-Mosta fi żmien il-festa.

6.03 Il-Kunsillier Mario Sammut talab permess sabiex jitwaħħal *poster* tal-attivita' tal-Grupp Ruħ Soċjali fin-*noticeboard* tal-Kunsill. Dan ġie approvat unanimamen bil-kundizzjoni li tingħata priorita lill-*posters* tal-Kunsill.

6.04 Il-Kunsillier Brian Bezzina talab li titneħħa siġra mejta li hemm ħdejn il *Housing Estate.*

6.06 Il-Kunsillier Marthese Mifsud talbet li titressaq iż-*zebra-crossing* ta' ħdejn *Scotts Supermarket.*

6.07 Is-sindku Dr. Shirley Farrugia ipprotestat mas-Sur Brian Bezzina dwar ittra li kien qed jiċċirkola mar-residenti ta' diversi toroq fejn qed isir il-*patching* mill-Kunsill għaliex tali ittri kienet tgħid li dan ix-xogħol

* Is-Sur Joe DeMartino qal li rċieva messaġġ dwar il-permessi li dak in-nhar stess kien inħareġ mill-MEPA għal-Wied il-Għasel u staqsa x'jista jsir dwar dan.

kien qed isir bis-saħħa tal-Kunsilliera Laburisti. Dan ma kienx ġustifikat għaliex dan il-*patching* kien qed isir mill- Kunsill kollu. Hija ippreżentat kopja tal-ittra li kienet qed tiġi ċċirkolata. Filwaqt li l-Kunsilliera Brian Bezzina u Alex Muscat qalu li l-ittra kienet qed tiġi interpretata ħażin għax din kienet tgħid li dan kien qed isir "bl-istinkar" tal-Kunsilliera Laburisti u mhux minnhom, il-Kunsilliera David Meilaq u Keith Cassar qalu li din kienet propoganda politika għal-Elezjoni Generali u l-Kunsillier Bezzina kien qed jikkapitalizza mix-xogħol li kien qed isir mill-Kunsill.
Is-Sur Bezzina ġie ippreżentat b'ittra oħra li dawwar lir-residenti ta' Triq l-Isperanza fejn qal li l-Bollards twaħħlu bl-istinkar tal-Kunsilliera Laburisti. Is-Sindku fakkritu li dan ix-xogħol sar mill-Kunsill. Is-Sindku qalet lis-Sur Bezzina biex idawwar ittra oħra lir-residenti fejn jispjegalhom li x-xogħol qiegħed jsir bis-saħħa tal-Kunsill kollu.

**~~10~~7.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgha spiccat fil-10.10 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ħamis, 5ta' Lulju, 2012.

**Dott. Shirley Farrugia**
**Sindku**

**John J. Camilleri**
**Agent Segretatju Eżekuttiv.**